Dan huwa moviment edukattiv. Aħna m'aħniex favur l-estremiżmu partiġġjan. Wieħed mill-għanijiet huwa li nagħtu s-sehem tagħna fil-proċess edukattiv li permezz tiegħu bħala poplu nirrealizzaw li diversi sitwazzjonijiet politiċi u soċjali jiġu mifhuma aħjar fil-kuntest tad-djalogu bilanċjat u demokratiku, fejn nindunaw li iktar jaqblilna nisimgħu lil xulxin anki jekk ikollna fehmiet politiċi differenti. Aħna se ninkuraġġixxu lill-poplu Malti u Għawdxi biex iħares lejn is-sitwazzjonijiet soċjali u politiċi b'lenti inqas partiġġjana, b'mod kemm jista' jkun oġġettiv.

Min huwa parti mill-moviment jifhem li qabel ma hu membru ta' partit politiku, huwa l-ewwel u qabel kollox ċittadin demokratiku Malti u b'hekk għandu jpoġġi l-interess nazzjonali u dak tad-demokrazija qabel dak tal-partiti politiċi. Nemmnu li wasal iż-żmien għal stil politiku ġdid. Nemmnu wkoll li ħafna nies għaddew minn battibekki partiġġjani, battibekki mhux oġġettivi li ma jwasslux għall-progress, iżda li minflok iwasslu biex tinħoloq il-firda jew saħansitra d-disinteress fl-istrument politiku.

Nemmnu wkoll li hemm diversi temi li dwarhom jista' jintlaħaq kunsens bejn il-partiti politiċi, u meta dan iseħħ, dan ikun ta' ġid għal pajjiżna biex verament nimxu 'l quddiem u jkollna 'pjan ta' ħidma' stabbli u li jaħdem fit-tul - b'konsistenza u stabbilta'.

Sinċerament ħbieb, bħala parti mill-moviment u bħala ċittadini parteċipi b'mod sħiħ fi ħdan din id-demokrazija, nieħdu r-ruħ meta naraw qbil unanimu dwar temi importanti bejn il-partiti politiċi, u dan b'mod speċjali meta dan il-qbil jiġi mistqarr pubblikament. Aħna nemmu li diversi soluzzjonijiet jinstabu fit-triq tan-nofs, nemmnu fil-moderazzjoni, li tintlaħaq permezz tad-djalogu u r-raġuni.

Nistgħu nżidu wkoll, li min huwa parti mill-moviment huwa tip ta' ċittadin kritiku ta' kwalunkwe partit politiku proprju għax ma jkunx magħluq fil-perspettiva partiġġjana jew dik estrema li tara kollox tajjeb ta' partit u kollox ħazin ta' ieħor. Tant hu hekk li aħna lesti li nattendu għal attivitajiet u seminars politiċi organizzati minn partiti differenti kif

**wkoll lesti li naħdmu flimkien ma' NGO's u gruppi ta' minoranza biex flimkien u b'sinergija nappoġġjaw il-ħidma tagħhom. Dan nagħmluh f'isem il-progress u fl-interess nazzjonali.**

**Dan il-moviment jista' jkun strument li jipprovdi ossiġnu politiku għal pajjiżna, mod ġdid kif inħarsu lejn u nipprattikaw il-politika. Il-moviment jista' jkun dak li bl-Ingliz jissejjaħ *antidote* għall-partiġġjaniżmu, moviment li jgħin biex jiżdied ir-rispett fuq livell politiku bejn diversi Maltin u Għawdxin, kif wkoll tissaħħaħ l-għaqda nazzjonali.**

**Jekk inti wkoll għandek din l-aspirazzjoni għal qalbek u tixtieq tagħti s-sehem tiegħek biex iseħħ il-progress f'dan l-aspett ta' pajjiżna, żomm kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in- numru ċellulari 999 777 78**